MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 797/2012

**Carmelo sive Charles Galea ezercenti tal-kummerc bl-isem C. Galea Marble & Granite Works**

**Vs**

**Clainton u Jennifer konjugi Gatt**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fid-29 ta' Novembru, 2012** u li permezz taghha talab lill-intimati jhallasuh is-somma ta' disa mitt euro [€900] u dan wara li ppremetta hekk:

"Il-prezz ta' xogholijiet esegwiti mill-attur fil-fond tal-intimati bin-numru 3, Triq Bir Gheliem, Tarxien fuq inkarigu tal-istess intimati liema xoghol gie eżegwit u minnu qed jibbenefikaw l-intimati iżda li baqghu, l-istess intimati ma hallsux lill-attur minghajr raġuni valida fil-ligi.

L-ammont huwa ta' 900 Euro esklużl-imghaxijiet legali u l-ispejjez ta' din l-istanza li ghandhom jithallsu mill-intimati minn issa ingunti in subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom imressqa fis-16 ta' Jannar, 2013 u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi in linea preliminari jinghad illi hemm kawża fl-ismijiet inversi rikors numru 997/12/LFS li tinsab differita ghall-25 ta' Marzu liema kawża titratta x-xoghol mertu ta' din il-kawza stante li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti ghalhekk din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu ta' dik il-kawza;

Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost l-appalt ma ġiex esegwit skond is-sengha u l-arti;

Illi t-talbiet attriċi ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez.".

Ra l-verbal datat 18 ta' Gunju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum in difett t'ostakolu;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob l-hlas tas-somma ta' €900 minghand l-intimati, liema ammont huwa dovut, skond ir-rikorrenti ghal prezz ta' xogholijiet esegwiti minnu fil-fond ta' l-intimati. L-intimati da parti taghhom laqghu ghal din it-talba billi qalu li hemm kawża pendenti quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Clainton Gatt et vs Galea Charlie (Rik. Mah. Nru. 977/12/CFS) u li din l-imsemmija kawża titratta x-xoghol mertu ta' dan il-kaz odjern u dan peress li f'dik il-kawza l-intimati qeghdin jressqu pretensjonijiet quddiem dik l-Onorabbli Qorti fejn qed jghidu li x-xoghol imwettaq

mir-rikorrenti odjern fil-proprjeta taghhom ma sarx skond is-sengha u l-arti. Konsegwentement, din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu ta' dik il-kawza. Minghajr preġudizzju ghal dan li ghadu kif inghad, l-intimati ssostnew ukoll li x-xoghol odjern – u li tieghu qieghed jintalab il-hlas – ma sarx skond is-sengha u l-arti u konsegwentement talbu li l-kawza odjerna ghandha tiġi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Ikkunsidra;

**Il-kawza Clainton Gatt et vs Charlie Galea ezercenti n-negozju C. Galea Marble and Granite Works (Rik. Mah. Nru. 997/12/CFS)**[1]

2. Permezz tal-kawza Clainton Gatt et vs Charlie Galea ezercenti n-negozju C. Galea Marble and Granite Works (Rik. Mah. Nru. 997/12/CFS) l-intimati odjerni qeghdin jitolbu lil Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili:

i. Dikjarazzjoni u deċiżjoni, wara li jinhatru l-esperti relattivi, li huma soffrew id-danni kawża tal-fatt li x-xoghol ta' twahhil ta' l-irham ma sarx skond is-sengha u l-arti mill-intimat u l-konsegwenti tbajja fl-irham;

ii. Likwidazzjoni tad-danni sofferti;

iii. Tikkundanna lill-intimat (rikorrenti odjern) ihallashom id-danni hekk likwidati;

Dan wara li ppremettew li:

i. Huma s-sidien tal-fond, 3, Triq Bir Gheliem, Tarxien;

ii. Huma xtraw minghand l-intimat (rikorrenti odjern) irham u inkarigawh biex jinstalla l-istess irham fl-ismemmi fond liema irham ma kienx imqieghed mill-intimat

[1] Fit-8 ta' Mejju, 2013 deher Dr. Dean Hili ghall-konjugi Gatt li nforma lill-Qorti li hemm possibilità ta' transazzjoni u l-kawza ġiet differita ghal dan il-ghan ghas-17 ta' Gunju, 2013. Fis-17 ta' Gunju, 2013 deher Clainton Gatt (intimat odjern u rikorrenti fil-kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili) li nforma lill-Qorti li t-transazzjoni ghada ma sehhitx u l-Qorti regghet iddiferit il-kawza ghal probabbli transazzjoni ghal 21 ta' Ottubru, 2013.

(rikorrenti odjern) skond is-sengha u l-arti u in oltre immanifesta tbajja;

iii. Illi b'konsegwenza ta' dan, huma irrekaw danni kbar konsistenti fil-fatt li l-irham irid jinqala kollu, jinxtara mill-gdid u jrid jerggha jitwahhal;

**<u>Ir-risposta mahlufa ta' Charlie Galea ezercenti n-negozju C. Galea Marble and Granite Works</u>**

3. Ir-rikorrenti odjern, laqa' ghal dawk il-pretensjonijiet avvanzati mill-intimati odjerni billi qal:

i. Illi l-fatti allegati mir-rikorrenti (intimati odjerni) huma ghal kollox inveritieri u huma totalment vessatorji u nfondati fil-fatt u fid-dritt, intiżi unikament sabiex ir-rikorrenti (intimati odjerni) jaghmlu profitt minn fuq sitwazzjoni zghira immens u totalment indirizzabbli;

ii. Illi l-verzjoni reali ta' kif sehhew il-fatti hija s-segwenti ossija, r-rikorrenti (intimati odjerni) ikkumissjonaw lill-intimat sabiex iforni u jwahhal taraġ fuq tlett sulari fl-abitazzjoni taghhom liema taraġ gie fornit u nstallat skont is-sengha u l-arti mill-impjegati tal-esponent;

iii. Illi r-rikorrenti tant kienu sodisfatti bix-xoghol ta' l-esponent illi hallsuh in full u sahansitra ingaggjawh sabiex jaghmel xogholijiet ohrajn fil-parti esterna tal-istess dar taghhom;

iv. Illi sussegwentement ir-rikorrenti Gatt ressqu lment li xi ftit skaluni tat-tarag (madwar erba' jew hamsa) kienu bdew jiccaqilqu ghaliex probabbilment qatghu ftit minn mat-tajn li bihom ikunu twahhlu;

v. Illi din hija haġa assolutament di facile spedizione fil-kuntest tal-appalt in kwistjoni u li dejjem u f'kull waqt l-intimat wera disponibbilta assoluta li jirrimedja, iżda r-rikorrenti ma aċċettawx ghaliex bdew iressqu t-tieni lment din id-darba dwar tbajja fil-materjal (irham resin) u kienu jippretendu rimpjazzar estensiv tat-tarag jew il-flus lura;

vi. Illi fil-waqt illi dwar dawk il-ftit skaluni li rhew ma hemm l-ebda diffikultà sal-lum li jitranġaw immedjatament, it-tieni talba hija ghal kollox irrizorja u malizzjuża in kwantu minn ispezzjoni fuq il-post jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li t-tbajja lanjati huma riżultat ta' uzu ta' prodotti aciduzi da parti tal-istess rikorrenti li kkaguna l-hsarat lanjati. Meta gie mwahhal it-tarag u tlesta l-appalt in kwistjoni l-materjal kien fi stat pristin kif sejjer jiġi ampjament ippruvat f'din il-kawza u dan jafuh tajjeb hafna r-rikorrenti li malizzjozament qed jippruvaw japprofittaw ruhhom mid-disponibilita tal-intimat u sahansitra jitolbu l-hlas lura tat-tarag kollu minhabba fatt attribwibbli ghan-negligenza u l-imperizja taghhom u li ghalih bl-ebda mod immaginabbli ma jista jinżamm responsabbli hu;

vii. Illi minhabba din il-kwistjoni l-esponent intimat baqa wkoll ma thallasx tax-xoghol addizzjonali li ezegwixxa b'mod tajjeb fuq barra tal-abitazzjoni tar-rikorrenti;

viii. Illi r-rikorrenti ma sofrew proprju l-ebda dannu, huma responsabbli ghal ghemilhom u anzi kien l-esponent illi sofra danni mir-relazzjoni tieghu mar-rikorrenti ghaliex sal-lum ghadu ma thallasx ta' xogholu.

In vista tas-suespost, u tal-fatti kif ser jirriżultaw ampjament fit-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-intimat esponenti jeccepixxi bir-rispett:

1. Illi, salv ghax-xoghol riparatorju assolutament minuri fuq dawk l-iskaluni tat-tarag li qed jiccaqilqu, it-talbiet rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi;

**Il-kawza odjerna**

4. Ir-rikorrenti odjern ressaq dikjarazzjoni kkonfermata bil-gurament tieghu f'dawn il-proceduri (fol. 9). Huwa beda biex qal li huwa jaghmel xoghol ta' irham u granit u ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal aktar minn hamsa u ghoxrin

sena. Ikompli jghid li l-intimati kienu qabduh jaghmel xi xoghol ta' irham (resin) fid-dar taghhom ġewwa Hal-Tarxien. "*Ix-xoghol kien jikkonsisti f'tarag fuq tlett sulari u l-indani relattivi taghhom u kienu l-haddiema tieghi Joseph Muscat u Stephen Grima illi poġġew ix-xoghol u qieghdu l-materjal*" (fol. 9) Ghal dan ix-xoghol, ikompli jghid ir-rikorrenti, l-intimati hallsuh is-somma ta' sebat' elef euro (€7,000). Kompla jghid li "*... ftit xhur wara ġejt sabiex inwahhal ukoll zukklatura tal-irham fuq il-bieb ta' barra tar-residenza tal-familja Gatt*" (fol. 9) u "*Dan ix-xoghol sar u sar sew u l-kont ghalih kien ta' disa mitt euro (€900) li taghhom ghadni sal-lum ma thallastx*" (fol. 9).

Dwar il-kwistjoni li hemm pendenti quddiem l-Onorabbli Prim' Awla ir-rikorrenti qal li "*.. wara li sar ix-xoghol tat-tarag, il-konjugi Gatt kienu ġibduli l-attenzjoni illi xi skaluni (madwar erbgha jew hamsa) fit-tarag imwahhal mill-haddiema tieghi kienu qed jiccaqilqu. Din hija haġa zghira hafna u tista jkun dovuta ghal hafna raġunijiet iżda bażikament tkun trid tinqala dik l-iskaluna, jerga jinghata t-tajn u sigillanti ohra u terga titwahhal. Kwistjoni ta' ftit hin. Xhin mort iżda fuq il-post biex nirrangalhom, insib tbajja fuq il-materjal li kien dovut żgur ghat-twaqqiegh ta' kimika bhal nghidu ahna spirtu tal-melh li kien żgur mija fil-mija mhux tort tal-haddiema tieghi iżda ta' xi hadd li kien fid-dar tal-familja Gatt li waqqa kimika fuq it-tarag. Gatt sahansitra bl-akbar wiċċ tost ippretendew illi jiena nibdel it-tarag kollu (fuq tlett sulari) ghaliex minn fuq, meta jafu li mhux il-kaz, bdew jattribwixxu dawn it-tbajja lili jew lill-haddiema tieghi. Ahna bqajna ma qbilniex u l-kwistjoni tressqet il-Qorti*" (fol. 9). Hija dwar din il-kwistjoni (tat-tarag) li qeghda tisma l-Prim' Awla tal-Qorti Civili jkompli jghid ir-rikorrenti. Jghid li "*din il-kwistjoni tat-tarag ma ghandha x'taqsam assolutament xejn mal-fatt illi jiena ghadni ma thallastx ghaz-zokklatura tal-irham li wahhalt fil-bieb tar-residenza ta' Gatt*" (fol. 9).

Dwar il-pagament dovut ghal din iz-zokklatura, ir-rikorrent ighid li "*meta bdew il-kwistjonijiet fuq it-tarag qabdu u ddecidew li ma jhallsuniex tax-xoghol l-iehor li jiena kont ghamilt u dan minghajr l-ebda raġuni valida ghaliex ix-*

*xoghol taz-zokklatura sar u sar sew kif jafu l-istess konjugi Gatt*" (fol. 9).

Finalment ighid li "*jiġri x'jigri fuq il-kaz tat-tarag, li jiena nhoss li huwa ghal kollox ingustifikat fi kwalunkwe kaz, din il-kwistjoni tal-lum hija dwar sempliċi talba ghal hlas ta' xoghol li sar u tlesta. Ma jistghux itellghuni l-Qorti fuq biċċa xoghol li huma jghidu li mhux ta' kwalità tajba (it-tarag) u fl-istess waqt ma jhallsunix fuq biċċa xoghol ohra (iz-zokklatura)*" (fol. 10).

Ikkunsidra;

5. Illi l-intimati minkejja li inghataw l-opportunita sabiex iressqu l-provi taghhom fuq dan il-kaz naqsu mill-jaghmlu dan. In fatti jirrizulta li fid-19 ta' Frar, 2013 wara li kien gie dikjarat mid-difensur tar-rikorrenti li huwa ma kienx ghad fadallu provi xi jressaq, it-Tribunal iddiferixxa t-talba ghal provi kollha ta' l-intimati ghal 21 ta' Marzu, 2013. Fil-21 ta' Marzu, 2013 ma deher hadd. Pero sitt ijiem qabel is-seduta kien tressaq rikors mid-difensur tar-rikorrenti ghal differiment, liema talba kienet intlaqghet mit-Tribunal. Ghalhekk din is-seduta ma tghoddx. Skond il-verbal tal-21 ta' Marzu, 2013 t-talba ġiet differita ghall-iskop tal-verbal tad-19 ta' Frar, 2013 ghas-26 ta' April, 2013 (cioe ghal provi kollha ta' l-intimati). Fis-26 ta' April, 2013 reggha ma deher hadd. Dak-in-nhar it-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghal ahhar darba ghal provi kollha ta' l-intimati ghat-18 ta' Gunju, 2013. Fit-18 ta' Gunju, 2013 reggha ma deher hadd. Dak-in-nhar, it-Tribunal wara li ra l-verbali msemmija hawn, iddikjara l-provi ta' l-intimati bhala maghluqa u ddiferixxa l-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostaklu ghal lum.

Ikkunsidra;

6. L-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet: **Dottor Kenneth Grima noe vs Monet Limited et noe et**[2] deċiża fil-11 ta' Gunju, 2013, fuq il-punt ta' sopprassessjoni qalet li:

[2] per Onor. Imhallef J.R. Micallef;

i. Normalment fis-sistema proċedurali Malti, l-eccezzjoni li titlob it-twaqqif ta' smigh tal-kawża sakemm tinqata ohra li tkun marbuta maghha hija msejsa fuq dak li jipprovdi l-artikolu 793 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jitkellem dwar smigh fl-istess waqt taz-zewg kawżi li jkun hemm dik ir-rabta bejniethom, fis-sens li l-kawza mressqa t-tieni fuq suġġett marbut ma' kawża mressqa qabilha tinstama' flimkien ma' dik imressqa l-ewwel, taht il-principju tal-*ius preventionis*;

ii. Illi s-soprassessjoni tista b'mod eċċezzjonali tinghata meta tali smigh fl-istess waqt taz-zewg kawżi ma jkunx jista jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni ghar-regola ġenerali li kull kawża ghandha tinstama sakemm tiġi maqtugha[3], trid tinghata dejjem taht kundizzjonijiet li ghandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir[4]. Kemm hu hekk, inghad sahansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[5] li l-eccezzjoni tas-soprassessjoni fis-sens li l-Qorti ghandha tieqaf milli tkompli tisma kawża bhala tali, fis-sistema proċedurali taghna, m'hijiex kontemplata ghaliex l-eccezzjoni li l-Kodici tal-Procedura Civili jikkontempla hija l-eccezzjoni maghrufa bhala lis alibi pendens u din l-eccezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi ghaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu.

iii. Illi huwa minhabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bhala provvediment ordinatorju mholli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bhal dik[6]. Provvediment bhal dan huwa meqjus bhala wiehed interlokutorju[7] u ghalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatù

---

[3] Art. 195 (1) tal-Kap. 12;

[4] **Sir Ugo Mifsud noe vs Guido Abela et** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fit-28 ta' Ottubru 1935 (Vol. XXIX/i/1295);

[5] **Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim' Ministru et** deċiża mill-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-12 ta' Awwissu, 1994 (Vol. LXXVIII.i.171);

[6] Ara, per eżempju, **German et vs Scicluna et** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fit-23 ta' Gunju, 1869 (Vol. V/157); **Bugeja vs Zammit** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar, 1946 (Vol. XXXII/ii/197) u **Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttigieg et noe** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-26 ta' Marzu, 1984;

[7] **Mallia et vs Bezzina et** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fit-22 ta' Mejju, 1989 (Vol. LXXIII.ii.338);

jekk tqum il-htiega li tibdel il-fehma taghha aktar il-quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex taghmel dan;

iv. Illi ghalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprassessjoni jitqies bhala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smiegh ta' kawża, meta n-norma hija, kif inghad, li kawża li tinbeda ghandha tinstama sa ma tinqata[8]. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprassessjoni tqies bhala wiehed alejatorju[9] li, minhabba t-termini ibsin tal-Kodici Procedurali dwar is-smigh taghhom, jista jwassal ghad-dezerzjoni tal-proceduri mwaqqfa. Ghal bosta snin, il-Qrati taghna sabu li t-twaqqif ta' smigh ta' kawża biex tistenna l-ezitu ta' kawża ohra li diġà tressqet jew sakemm titressaq wahda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-kaz meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawza li sejra titwaqqaf[10].

7. U fil-kawza fl-ismijiet **James Grech vs Roderick Muscat[11]**, deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Settembru, 2013 inghad li:

"*Kienu stabbiliti mill-Qrati taghna kriterji fejn ghandha tiġi milqugha talba ghal soprasessjoni. Tkun akkolta t-talba meta jkun spedjenti (ara **Galea vs Galea** – Kollez. Vol. XXXIX.i.467 u Appell Civili – **Cassar vs Xuereb** – 12 ta' Marzu, 1973). Tkun akkolta wkoll meta s-soluzzjoni ta' punt in kontestazzjoni jkun jiddependi minn dak li jkun sejjer jiġi deċiż fil-kawza l-ohra (ara Kollez. Vol. XLVI.ii.591). It-talba ghandha però tkun riġettati jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati preġudizzju. Jibqa l-principju illi s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jiġi applikat biss jekk ikun neċessarju ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (ara Kollez. Vol. XLI.i.507) ghaliex huwa prinċipju ewlieni fl-ordinament tal-procedura*

[8] **Cardona vs Pisani** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fl-4 ta' Novembru, 1957 (Vol. XLI/i/547);
[9] **Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju, 1997 (Vol. LXXXI/iii/83);
[10] **Azzopardi et vs Critien pro et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civli fit-12 ta' April, 1962 u **Grima et vs Frendo et** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fis-6 ta' Ottubru, 1999 (Vol. LXXXIII/ii/393);
[11] per Onor. Imhallef J. Zammit McKeon;

*ċivili taghna illi kawża ghandha tibda u tibqa tinstemax sa ma tkun deċiża. Is-soprasessjoni hija miżura eċċezzjonali ghaliex tiffrena l-andament normali ta' kif ghandhom jimxu l-kawzi. Decizjoni dwar takkordax talba ta' din ix-xorta inkella le hija rimessa kollha kemm hi ghad-diskrezzjoni tal-gudikant skond ic-cirkostanzi tal-kaz (Kollez. Vol. XXXII/ii/197)*"

8. Applikati dawn il-principji legali hawn fuq esposti ghall-fatti ta' dan il-kaz, jirrizulta li l-kawza li qeghda tiġi promossa mill-intimati odjerni, quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, hija ghar-rigward tat-tarag u l-irham li kien gie mixtri u mqieghed mir-rikorrenti odjern. Ir-rikorrenti odjern fl-eccezzjonijiet tieghu dan il-fatt biss issemmi u ma jsemmi xejn dwar il-kwistjoni taz-zokklatura salv ghal fatt li din l-ordni kienet saret wara li kien twahhal it-tarag u li l-intimati odjerni ma kellhom xejn x'jilmentaw dwarha. Apparti dan, iz-zokklatura hija f'parti ohra tad-dar (mal-bieb ta' barra) u ma ghandha x'taqsam xejn mat-tarag li dwaru qeghdin javvanzaw il-pretensjonijiet taghhom l-intimati odjerni quddiem l-Onorabbli Prim' Awla. Jinghad ukoll li l-intimati bl-ebda mod ma resqu provi f'dawn il-proceduri, lanqas farka sabiex jippruvaw jxejnu din l-asserzzjoni tar-rikorrenti. Ghalhekk l-eccezzjoni tas-soprasessjoni ma hijiex ser tintlaqa u t-Tribunal sejjer jipproċedi ghad-decizjoni fuq il-mertu.

Ikkunsidra ulterjorment;

v. L-intimati jghidu li x-xoghol mertu ta' din il-kawza ma sarx skond is-sengha u l-arti u allura huma ma ghandhom ihallsu xejn lir-rikorrenti. Jerga jinghad li l-intimati ma resqu l-ebda prova f'dawn il-proceduri in sostenn ta' din l-asserzzjoni taghhom u t-Tribunal anke minhabba dan in-nuqqas, sejjer jichad ukoll din l-eccezzjoni taghhom.

vi. Ghar-rigward ta' l-ammont pretiz mir-rikorrenti jinghad li t-Tribunal huwa sodisfatt li l-intimati ghandhom jaghtu l-ammont ta' disa mitt euro lir-rikorrenti skond ma jirrizulta mill-fattura li hemm esebita a fol. 19 tal-process u

li ġġib id-data tal-4 ta’ Novembru, 2011. Konsegwentement sejjer jilqa din it-talba tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimati fir-risposta taghhom in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimati jhallsuh is-somma ta’ disa mitt euro [€900] bl-imghaxijiet legali mill-4 ta’ Novembru, 2011 data tal-fattura esebita a fol. 9 tal-process.

L-ispejjez huma kollha a kariku ta’ l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------